MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 86

28 ta' Novembru 2017

Minuti tas-seduta Nru. 86 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta 28 ta' Novembru 2017 fis-6.00pm.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa direttament bl-internet.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.0. Minuti

Il-minuti tas-seduta Nru. 85 tat-8 ta' Novembru 2017, ġew approvati u ffirmati mingħajr emendi. Kien hemm qbil li l-minuti kif approvati għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes.aspx

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Estensjoni tas-Solana Hotel fi Triq Ġorġ Borg Olivier (A/6/3/1/Vol 114)

2.1.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.4.1. tas-seduta preċedenti u qal li t-*tower crane* li kellu jintrama fi Triq it-Tonn kantuniera ma' Triq Ġorġ Borg Olivier mhux mistenni li jsir għalissa, peress li ser ikun għaddej ix-xogħol permezz ta' dak li diġà ntrama' fis-sit tal-iżviluppatur.

2.1.3. Is-Sur J. Buttigieg qal ukoll li b'effett mis-6 ta' Diċembru 2017 mhux ser jingħataw permessi għall-użu ta' makkinarju tal-kostruzzjoni sakemm jgħaddu l-festi tal-Milied u l-Ewwel tas-sena.

### 2.2.1. Estensjoni tal-*culvert* għall-ilma tax-xita fi Triq Ġorġ Borg Olivier (T/4/12)

2.2.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.3.1. tas-seduta ta' qabel u aċċenna għall-fatt li għalkemm ix-xogħol fuq il-*culvert* tkompla, ser jitwaqqaf temporanjament bi dritt Triq il-Qalb Imqaddsa sabiex ma jixxekkilx in-negozju fil-festi tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena. Għaldaqstant ser isir *scarifying* tal-wiċċ u *reinstatement* bit-tarmak.

2.2.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 24/11/17;
- Skeda ta Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 20/10/17 – 08/11/17;
- Skeda ta' Pagamenti – 08/11/17 – 24/11/17;
- Rendikont Finanzjarju – Lulju / Settembru 2017;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet; u
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet.

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. Applikazzjoni għal *Qualification Allowance* (P/7/1/Vol VII)

4.1.2. Saret referenza għal applikazzjoni datata l-1 ta' Novembru 2017 mill-impjegata s-Sinjura D. Fenech Gambin sabiex tibbenefika minn *qualification allowance* billi hija ggradwata fil-livell ta' *Masters in Business Administration* mill-Università ta' Malta. Is-Segretarju spjega li l-Artiklu 34 tar-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Riżorsi Umani) (S.L.363.20), kif ukoll il-*Manual of Allowances* għas-Servizz Pubbliku, maħruġ f'Ġunju 2017, jipprovdi għal tali *allowance* sakemm il-kwalifika tkun direttament marbuta mad-doveri relatati mal-kariga, irrispettivament mill-post fejn ikun ġie assenjat l-uffiċjal. Il-*manual* jelenka numru ta' oqsma ta' studju li huma meqjusa bħala relevanti.

4.1.3. Wara li l-Kunsill ħa in konsiderazzjoni l-provedimenti tal-liġi kif ukoll l-linji gwida msemmija approva l-ħlas tal-*qualification allowance* annwali skont l-aġġornamenti li jinħarġu minn żmien għal żmien. Dan wara li ttieħed in konsiderazzjoni li l-kwalifika msemmija hija relevanti għall-kariga ta' Assistent Prinċipali fi Skala 11.

### 4.2.1. Titjib fit-Telgħa ta' Selmun (T/4/7/Vol II)

4.2.2. Saret referenza għal imejl datat 24 ta' Ottubru 2017, fejn Transport Malta talbu l-opinjoni tal-Kunsill dwar twessiegħ tat-triq ewlenija bejn il-Mellieħa u x-Xemxija, fil-postijiet indikati fuq il-pjanti li jiffurmaw parti minn applikazzjoni li saret mal-Awtorità tal-Ippjanar. Ġie spjegat li fil-kurva ta' fuq tal-*S-bend* qed jiġi propost li tinfetaħ triq oħra biswit dik eżistenti. Dan sabiex tal-aħħar tieħu traffiku li jkun sejjer lejn il-Mellieħa u l-parti proposta jinżel minnha traffiku fid-direzzjoni tax-Xemxija. Il-proposta tinkludi wkoll twessiegħ tat-triq bejn il-pont tal-Mistra u t-triq il-qadima li kienet tagħti għal Selmun.

4.2.3. Wara li l-Kunsill ra l-pjanti mgħoddija, ma sabx oġġezzjoni għall-proġett sakemm dan ma jippreġudikax il-possibilità li aktar 'il quddiem isir aċċess ieħor tal-istess livell li jkun jista' iservi ta' rotta alternattiva f'każi ta' emerġenza. Il-Kunsill osserva wkoll li tali rotta kienet inkluża fit-*TEN-T Network* li qed jiġi ffinanzjat parzjalment minn fondi Ewropej.

4.2.4. Il-Kunsill ġibed l-attenzjoni li għandu jiġi evitat l-aċċess temporanju li huwa intiż sakemm isiru x-xogħlijiet, mill-parti t'isfel tal-*S-bend* għall-parti ta' fuq. Dan bil-għan li jiġi mħares iċ-Ċangar ta' żmien ir-Rumani li huwa kopert b'Ordni ta' Emerġenza għal Konservazzjoni taħt l-Artiklu 47 ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar u ta' l-Iżvilupp, ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern fil-11 ta April 1995 (Avviż 233).

4.2.5. Kien hemm qbil ukoll li għandha tintalab laqgħa mal-perit konċernat, fi ħdan Transport Malta, sabiex jiġi diskuss l-immaniġġjar tat-traffiku waqt li jkunu qed jitwettaq il-proġett.

### 4.3.1. Sharklab-Malta (K/1/3/Vol II)

4.3.2. Saret referenza għal imejl datat 3 ta' Novembru 2017 fejn l-organizzazzjoni mhux governattiva msemmija hawn fuq talbet lill-Kunsill jindikalha proprjetà amministrata minnu, minn fejn tista' topera billi mhux f'pożizzjoni li tħallas kera għoli.

4.3.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li m'għandux jinħoloq preċedent li mhux possibbli jiġi sostnut ma' għaqdiet mhux governattivi oħra.Għaldaqstant il-talba ma ġietx milqugħa.

### 4.4.1. Faċilità għal persuni b'diżabilità fir-Ramla tat-Torri l-Abjad (P/8/2/Vol IV)

4.4.2. Saret referenza għal imejl datat 23 ta' Novembru 2017, fejn l-Assoċjazzjoni Bajja tat-Torri l-Abjad talbu biex jagħmlu aċċess għal persuni bi bżonnijiet speċjali ħalli jinżlu jgħumu.

4.4.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandu jsir kuntatt mal-Awtorità Maltija tat-Turiżmu li pprovdiet tali faċilitajiet fir-rigward il-Bajjiet tal-Għadira u fl-Armier iż-Żgħir.

### 4.5.1. Tabelli ta' direzzjoni – Mużew tat-Tunnara (P/4/4/Vol IV)

4.5.2. Inqara imejl datat 17 ta' Novembru 2017, mibgħut mill-Awtorità Maltija tat-Turiżmu, fejn talbu li jitneħħew it-tabelli kollha li jeżistu fil-lokalità li jindikaw il-Mużew tat-Tunnara, peresss li dan mhux qed jinfetaħ. Is-Segretarju qal li minn kuntatti li huwa kellu mal-Art Club 2000, li huma fdati bil-kustodja tal-post, irriżulta li qed jiftħu tliet darbiet fil-ġimgħa, jew bl-appuntament, partikularment meta jkun hemm gruppi.

4.5.3. Il-Kunsill ma qabilx li jitneħħew it-tabelli eżistenti, iżda talab li l-Art Club 2000 jistabbilixxu skeda tal-ftuħ sabiex tkun tista' tiġi mgħoddija lill-Uffiċċju Informazzjoni tat-Turisti.

### 4.6.1. *European Destination of Excellence Awards 2017* (T/12/2/Vol II)

4.6.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rriferiet għal imejl datat 28 ta' Novembru 2017, mibgħut mill-Ministeru tat-Turiżmu, fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li n-nomina mressqa kklassifikat fir-raba' post għall-premju msemmi. Hija fakkret li din is-sena adotta t-tema kienet "*Tangible Cultural Offer*" u tinvolvi x-Shelters tat-Tieni Gwerra Dinjija. Hija qalet li dan jintitola lill-Kunsill għal:

- Spazju fi *brochure* promozzjonali;
- Tifkira li tiġi ppreżentata fit-22 ta' Jannar 2018;
- Spazju promozzjonali fis-sit elettroniku tal-Kummissjoni Ewropea;
- Reklamar f'pubblikazzjonijiet internazzjonali; u
- Żjara minn delegazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea and ġurnalisti fit-23 ta' Jannar 2018.

4.6.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 4.7.1. Kors fix-xogħol tal-bizzilla (E/3/1/Vol III)

4.7.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rriferiet għal ittra datat 27 ta' Novembru 2017, mibgħuta mil-Ladies Craft Circle, fejn appellaw lill-Kunsill jipprovdi kors fix-xogħol tal-bizzilla.

4.7.3. Il-Kunsill laqa' it-talba.

### 5.1. Akkwist ta' Servizzi u Materjal

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 24 ta' Novembru 2017.

5.3. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu skont l-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

### 6.1. Ħlasijiet marbuta ma' akkwist ta' Servizzi u Materjal

6.2. Ġiet ippreżentata wkoll skeda ta' pagamenti li saru permezz tal-*Petty Cash* bejn l-20 ta' Ottubru u t-8 ta' Novembru 2017.

6.3. Tressqet ukoll skeda ta' pagamenti li tkopri bejn it-8 u l-24 ta' Novembru 2017.

6.4. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha fl-iskeda msemmija. Kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes.aspx

**7.1. Tħejjijiet għall-*Mellieħa International Christmas Festival 2017*** **(A/5/3/7)**

7.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini fakkret li aktar qabel kien tqassam l-abbozz tal-*billboard* li għandu jitwaħħal fit-telgħa ta' Selmun u staqsiet dwar jekk hemmx kummenti dwaru. Il-Kunsill approva l-kontenut tiegħu. Hija qalet ukoll li tħejja *write-up* sabiex jidher f'numru ta' fl-istampa.

7.3. Is-Segretarju għarraf li minn kuntatti li kien hemm ma' Ozone Ltd sar magħruf li l-messaġġi li jintbagħtu permezz tal-telefons ċellulari ma jridux jaqbżu 160 karattru u jistgħu jinqasmu skont l-età tal-abbonati. In-numru ta' abbonati jammontaw madwar sittin elf mal-pajjiż kollu. Il-Kunsill qabel li l-messaġġi għandhom ikopru l-abbonati kollha.

**8.1. Mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera A. Brincat Stellini illi tgħid:**

***"Billi saret sejħa għall-offerti (MLC 7/2017) skont l-Artiklu 40 tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363), ir-Regolamenti ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali (Offerti) - Avviż Legali 255 ta' l-2009, u r-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (Avviż Legali 177 tal-2005);***

***Billi saret evalwazzjoni mill-Kumitat ta' Evalwazzjoni li rrakkomanda sabiex l-offerent Joseph Grima jingħata l-kuntratt in kwistjoni, skont il-minuti tal-istess kumitat tal-15 ta' Novembru 2017; u***

***Billi fl-Estimi għas-sena Finanzjarja 2017 taħt il-vot tal-Parki u Ġonna (3061) hemm ivvutati fondi biżżejjed għas-servizz imsemmi;***

***Il-Kunsill jirriżolvi illi għandu jiġi ffirmat kuntratt ta' sentejn mal-offerent Joseph Grima, li jista' jiġi mġedded sa massimu ta' sentejn oħra, b'effett mill-1 ta' Jannar 2018.". (P/4/6/1)***

8.2. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier E. Bartolo.

**9.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku illi tgħid:**

***"Billi saret sejħa għall-offerti (MLC 9/2017) skont l-artiklu 40 tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363) u r-Regolamenti dwar Offerti lill-Kunsilli Lokali - Avviż Legali 255 tal-2009, bil-għan li jsiru xogħlijiet ta' tisbiħ fi Triq l-Inkurunazzjoni;***

***Billi l-Kumitat ta' Evalwazzjoni, ra r-rapport tekniku tal-perit inkarigat mill-proġett, kif ukoll il-kjarifiki mitluba mill-offerenti, skont kif speċifikat fir-Rapport ta' Evalwazzjoni tat-22 ta' Novembru 2017;***

***Il-Kunsill jirriżolvi illi l-kuntratt relattiv għandu jingħata lill-offerent L.B.V. bi spiża kkwotata ta' €300,000, eskluża t-Taxxa fuq il-Valur Miżjud; u***

***Il-Kunsill jirriżolvi wkoll illi l-ordni biex jinbeda x-xogħol m'għandhiex tingħata qabel jiġi ffirmat ftehim mal-Awtorità tal-Ippjanar dwar il-finanzjament tal-proġett permezz tal-Fond tal-Ippjanar.". (P/4/29)***

9.2. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier E. Bartolo.

**10.1. Programm tal-Unjoni Ewropea *"Europe for Citizens"*** **(P/10/1)**

10.2. Is-Sindku aċċenna li l-MEUSAC attwalment qed torganizza *seminars* għall-Kunsilli Lokali sabiex dawn jidħlu għal proġetti ffinanzjati taħt il-programm *Europe for Citizens*. Huwa qal li l-Kunsill tal-Mellieħa kien wieħed milli bbenefika min dan il-finanzjament, partikularment bil-proġett *Small Markets at the Heart of the European Economy* li jinvolvi baġit ta' €150,000. Il-Mellieħa hija meqjusa bħala *best practice* f'dan il-qasam u kien għal din ir-raġuni li f'wieħed mis-*seminars* li ġew organizzati, ingħatat preżentazzjoni dwar l-istess proġett mis-Sinjura Doriette Fenech Gambin.

10.3. Is-Sur J. Buttigieg spjega t-temi għall-programm il-ġdid, li jkopri s-snin 2014 – 2020, ser jiġu ppubblikati fi ftit taż-żmien ieħor, filwaqt li l-applikazzjonijiet ser jagħlqu fl-1 ta' Marzu 2018. Kemm-il darba l-Kunsill jiddeċiedi li jidħol għall-proġetti ġodda f'dan ir-rigward, ikunu jistgħu jinbdew il-kuntatti mal-MEUSAC sabiex tiġi jdentifikata l-aktar tema addattata.

10.4. Is-Segretarju kkonferma li l-Mellieħa hija *best practise* f'dak li jirriġwarda implimentazzjoni ta' proġetti ffinanzjati minn fondi Ewropej, iżda jeħtieġ li jsir *fine tuning* f'dak li jirrigwarda l-ippjanar peress li r-riżorsi umani fil-livell ta' parteċipanti huma limitati, partikularment meta l-attivitajiet isiru f'ċertu xhur u/jew ikunu qrib xulxin. Is-Sur C. Debono aċċenna wkoll li għandu jiġi żgurat li meta tali attivitajiet iseħħu barra minn Malta għandu jiġi żgurat li dawn ma jaħbtux ma' attivitajiet tal-Kunsill li jsiru fil-lokalità. Huwa appella wkoll sabiex il-parteċipanti jkunu magħrufa minn l-aktar kmieni possibbli bil-għan li jiġu evitati spejjeż żejda marbuta mal-ivjaġġar. Huwa fakkar li tali spejjeż ma jkunux koperti mill-finanzjament mogħti meta jaqbżu ċertu ammonti.

10.5. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill qabel li jkompli l-involment tiegħu anke bħala msieħeb ewlieni fi proġetti taħt fil-programm il-ġdid tal-*Europe for Citizens*. Għaldaqstant għandhom jinbdew il-kuntatti mal-MEUSAC għal dan il-għan.

## 11.1. Rendikont Finanzjarju – Lulju/Settembru 2017 (F/1/1/Vol II)

11.2. Is-Segretarju spjega li d-dħul tal-Kunsill bejn Jannar u Settembru 2017 kien jammonta għal €941,732, filwaqt li kien hemm nefqa ta' €908,901, u hekk irriżulta bilanċ pożittiv ta' €32,831.

11.3. L-Assi Kurrenti (*Current Asset*) kienu jammontaw għall-€690,620 (Ġunju - €866,637), li niżlu għal €656,527 (Ġunju - €827,002) li l-parti l-kbira kienu flus fil-kontijiet bankarji.

11.4. Is-Sur C. Debono kompla jispjega li l-Obbligazzjonijiet Kurrenti (*Current Liabilities*) kienu fil-livell ta' €260,410 (Ġunju €475,939), li huma l-ammonti li l-Kunsill għandu jagħti kif jidhru fuq il-kotba, flimkien ma' stima (*accruals*) fuq servizzi, jew materjal mixtrija u li kien għadhom ma jidhrux fil-kotba.

11.5. Iċ-ċifra ta' €1,543,073, indikata bħala *Deferred Income* (Nota 15 fir-rapport) tirriżulta minn għotjiet li l-Kunsill irċieva biex iwettaq proġetti kapitali u li għad iridu jiġu rilaxxati fil-*Profit and Loss*. Dawn kienu magħmula minn:

(a) Fondi ġejjin mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali
(b) *Long term grants*; u
(c) Fondi Speċjali – *Deferred Grants*.

11.6. Meta wieħed jieħu in konsiderazzjoni l-fatturi kollha msemmija, jirriżulta Indikatur tas-Sitwazzjoni Finanzjarja ta' 34%.

11.7. F'dak li jirrigwarda l-Impjant u Tagħmir (*Plant and Equipment*), fil-perjodu koperti bir-rapport, ġew kapitalizzati b'kemm jiswew €172,392 f'Assi Permanenti (*Fixed Assets*).

11.8. Il-valur oriġinali tal-Assi Permanenti *(Fixed Assets)* kollha akkwistati kien ta' €10,936,276, li meta wieħed jikkalkula d-deprezzament fuqhom sa tmiem Settembru 2017, il-Valur Nett tagħhom fil-Kotba (*Net Book Value*) kien ta' €5,125,671.

11.9. Il-Kunsill approva r-rapport u talab li jiġi ppubblikat permezz tas-sitt elettroniku.

## 12.1. Proposti dwar in-Nefqa Rikorrenti u Kapitali għall-2018 (F/1/29)

12.2. Is-Segretarju aċċenna għaċ-Ċirkulari Nru. 34/2017 maħruġa mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, Monitoraġġ u Support tat-23 ta' Novembru 2017, fejn ingħad li l-Mellieħa ġiet allokat il-fondi kif ġej:

| | |
|---|---|
| Allokazzjoni Annwali skont l-Artiklu 55 tal-Att XV tal-1993 | €1,099,03 |
| Allokazzjoni Supplimentari lill-Żoni Kummerċjali b'anqas minn 5% żieda | €10,000 |
| Aġġustament minħabba tnaqqas fl-Allokazzjoni Annwali fl-2016 | €20,773 |
| Total | €1,129,803 |

12.3. F'dan l-istadju s-Sur C. Debono staqsa dwar jekk hemmx xi prioritajiet li l-Kunsill jixtieq jittratta matul l-2018 sabiex jiġu nklużi fl-estimi. Huwa fakkar f'numru ta' proġetti mibdija jew kommessi, u għalhekk jeħtieġ li jiġu allokati fondi għalihom. Is-Segretarju rrefera għall-proġetti segwenti:

| | |
|---|---|
| **7200** | **Titjib** |
| 7220 | Lampi Ornmentali fit-Toroq tal-Manikata |
| **7300** | **Tagħmir** |
| 7311 | Tkomplija fit-tisħiħ fis-sistema tal-IT u tat-telefon fl-uffiċċju |
| **7500** | **Programmi Speċjali** |
| 7502 | Ftehim tal-PPP dwar Triq l-Armier |
| 7502 | Spejjeż addizzjonali li mhumiex koperti bil-ftehim ma' Transport Malta dwar Triq il-Qortin |
| 7507 | Lampi Ornamentali f'Misraħ il-Parroċċa |
| 7512 | Kostruzzjoni ta' *culverts* f'Tal-Ibraġ |
| 7518 | Tisbiħ tat-taraġ fi Triq San Publiju (Tieni Fażi) |
| 7518 | Tisbiħ tat-taraġ fi Triq il-Mitħna l-Qadima u Triq Sant' Anna |
| 7528 | Restawr tat-taraġ u passaġġ bejn Triq il-Marfa u Triq Dun Franġisk Sciberras |

12.4. Is-Sindku ippropona numru ta' proġetti, li minkejja għadhom mhux kommessi, għandhom jiġu nklużi fl-estimi, ossija:

| | |
|---|---|
| **7200** | **Titjib** |
| 7220 | Skema ta' lampi ġodda fi Triq il-Qortin |
| 7220 | Skema ta' dwal ornamentali fi Triq Dun Manwel Grima |
| **7500** | **Programmi Speċjali** |
| 7502 | *Resurfacing* tax-Xatt ta' Santa Marija (In-naħa tal-Imxaxa) |
| 7502 | Titjib tal-bankini fi Triq Ġorġ Borg Olivier u fil-parti ta' ġewwa ta' Triq il-Kbira |
| 7517 | Tisbiħ fi Triq l-Inkurunazzjoni (Soġġett għall-finanzjament mill-Fond tal-Ippjanar) |
| 7521 | Titjib fi Ġnien Dun Anton Debono |
| 7531 | Titjib fi Ġnien tas-Salib *Playing Field* |

12.5. Il-Kunsillier E. Bartolo ssuġġerixxa li titkompla l-iskema ta' dwal ġodda fil-parti ta' fuq ta' Triq Għajn Żejtuna, peress li dawk eżistenti mhumiex adegwati.

12.6. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini aċċennat għall-attivitajiet ippjanati għall-2018. Hija qalet li minħabba raġunijiet ta' spejjeż il-Festival Internazzjonali tal-Mużika ma jsirx minħabba attivitajiet oħra li jfakkru l-25 anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsill Lokali.

12.7. Is-Segretarju qal li jeħtieġ ikun hemm allokazzjoni speċjali sabiex tagħmel għall-pubblikazzjoni tat-tieni edizzjoni tal-ktieb Il-*Mellieħa mal-Milja taż-Żmien / Mellieħa Through the Tides of Time*.

12.8. Is-Sindku tenna l-ħtieġa li l-Kunsill jikri mezz ta' trasport b'rabta mal-operat tiegħu.

12.9. Il-Kunsill approva l-proposti kollha mressqa fil-minuti 12.3 sa 12.8 aktar 'il fuq u talab lis-Segretarju sabiex jinkludihom fl-iskedi tad-dħul u l-infieq.

## 13.1. Servizz dwar Ġbir ta' Skart Imħallat (K/6/2/Vol V)

13.2. Is-Segretarju rrefera għad-diskussjoni li kien hemm waqt is-Seduta Nru. 84 tat-23 ta' Ottubru, kif ukoll għal-laqgħa li saret speċifikament fuq is-suġġett fit-30 ta' Ottubru 2017. Huwa aċċenna għall-fatt id-dokument tal-offerta tlesta min-naħa tiegħu u għaddih lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali għall-approvazzjoni skont il-proċedura stabbilita. Is-Sur C. Debono qal li d-dokument jirrifletti l-proposti mressqa fl-imsemmija laqgħa, b'żieda ma' dawk li diġà kienu hemm, ossija li:

- Is-servizz jingħata permezz ta' żewġ *refuse collection vehicles (RCV)* kbar u ieħor żgħir;
- Jkun hemm *RCV* li jservi bħala *backup* f'każ ta' ħsarat;
- Jsir aġġornament tal-i*skips* kollha meħtieġa, li fost oħrajn jinkludu dawk fiż-żoni tal-*boathouses* ġewwa l-Aħrax u fil-Għadira;
- L-i*skips* jitbattlu kuljum bejn Lulju u Settembru, u darbtejn fil-ġimgħa fil-kumplament tas-sena;
- Isir ġbir bieb-bieb fil-*Caravan Site* tal-Għadira, bejn Lulju u Settembru, liema servizz jiġi sostitwit bit-tqegħid ta' *skip* waħda matul il-kumplament tas-sena;
- Ġbir mit-toroq ewlenin isir fit-8.00am u fil-11.00am fil-ġranet li fihom isir il-ġbir;
- Postijiet adegwati fejn jinżammu l-*RCV's* waqt li ma jkunux qed jintużaw; u
- Il-ħinijiet tal-ġbir għandhom jibqgħu dawk preżenti bejn is-7.00am u s-1.00pm;

13.3. Il-Kunsill qabel li għandha ssir is-sejħa malajr kemm jista' ikun fid-dawl tat-tagħrif mogħti, u wara l-approvazzjoni tad-dokument tal-offerta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

**14.1. Ħarġa kulturali** **A/5/5/Vol VII)**

14.2. Il-Kunsillier J. Attard irrifera għall-ħarġa li saret għall-Smart City, fid-19 ta' Ottubru 2017. Huwa qal li l-ħlas tal-vjaġġ imħallas mill-persuni li attendew ma kienx biżżejjed biex ikompri l-ispiża tal-*coach* u għalhekk Paramount Garage Ltd, għaddew kont bid-differenza ta' €70.00.

14.3. Il-Kunsill qabel li għandu jkopri dan l-ammont.

**15.1. Jum Dinji tat-Tfal** **(A/5/3/Vol XIII)**

15.2. Is-Sindku rrefera għall-attività li saret f'Selmun fit-18 ta' Novembru 2017 fl-okkażjoni tal-Jum Dinji tat-Tfal. Huwa irringrazzja lill-Kunsilliera A. Brincat Stellini li kkordinat din l-attività b'mod tajjeb, tant li kien hemm konkorrenza tajba.

15.3. Is-Sinjura A. Brincat Stellini qalet li kien hemm madwar 200 tifel u tifla akkumpanjati mill-ġenituri. Hija talbet li tintbagħat nota ta' ringrazzjament lid-diriġenti ta' EkoSkola li inkoraġġixxu t-tfal jieħdu sehem.

15.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**16.1. *Bring-In Site* ta' Triq l-Iżbark tal-Franċiżi** **(K/6/10/Vol III)**

16.2. Il-Kunsillier E. Bartolo aċċenna illi l-kuntrattur mqabbad minn Green MT Ltd biex ibattal id-*domes*, qed iħalli l-iskart li jsib ħdejhom fin-nofs tal-parkeġġ, filwaqt li minn suppost jiġbor dan l-iskart mhux qed jiġi eżattament wara.

16.3. Is-Sindku qal li din il-problema ssemmiet drabi oħra u anke kien hemm korrispondenza ma' Green MT Ltd dwarha. Għal din ir-raġuni, il-kuntrattur tal-Kunsill inkarigat mill-ġbir tal-iskart imħallat ingħata struzzjonijiet sabiex jiġbor kull ma jsib madwar id-*domes* fil-ġranet li ssir din il-ġabra.

**17.1. Pubblikazzjoni "*Let's Walk Around Europe*"** **(T/12/Vol II)**

17.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini aċċennat għall-minuta 2.5.1. tas-seduta Nru. 82 tat-12 ta' Settembru 2017 u għarrfet li r-ritratti li ġew mgħoddija lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali ġew inklużi fuq erba' paġni tal-pubblikazzjoni *Lets Walk Around Europe,* li hija waħda mill-inizjattivi li ttieħdu fl-okkażjoni tal-*European Mobility Week.*

17.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**18.1. Proġett *"Small Markets at the Heart of the European Economy"*** **(P/10/25)**

18.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li l-ħames u l-aħħar konferenza parti mil-proġett imsemmi hawn fuq ser issir f'Casalborgone, bejn is-16 u l-21 ta' Mejju 2018. Il-konferenza ser titratta t-tema *"The Need and Assistance of Micro Business"*. Kompliet tgħid li titjiriet ser ikun hemm fil-15 u t-22 ta' Mejju u appellat sabiex jinstabu parteċipanti oħra apparti d-Deputat Parlamentari C. Bartolo u l-ekonomista G. Cordina.

18.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif li ngħata.

**AĠĠORNAMENT**

Is-seduta spiċċat fit-8.50 pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn, 18 ta' Diċembru 2017 fis-6.00 pm.

John Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**